MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2002

Numru 330/1998

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Joseph Azzopardi u Glenn Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Azzopardi ta' 29 sena bin il-mejjet John u Rose nee' Pantelleresco imwieled Pieta' u residenti "John Rose" Triq Odilone Caruana, Hal Tarxien, detentur ta' karta ta' identita numru 183869(m) u Glenn Gatt ta' 21 sena bin Joe u Carmen nee Pace imwieled Pieta u residenti 5 Triq Wenzu Dyer, Birgu, detenter ta' karta ta' identita numru 524476(m) akkuzati talli:fit-22 ta' Novembru 1997 ghal habta ta' xi t-8.00-8.15pm minn gewwa d-dar numru 1 Triq Santa Skolastika, il-Birgu:

1. Ikkommettew serq ta’ diversi hwejjeg tad-deheb li l-valur taghhom huwa ta’ aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira maltin (Lm1000) kif ukoll ta’ Lm600 fi flus kontanti ghad-dannu ta’ Maria Assunta Bugeja ta’ 67 sena li toqghod numru 1 Triq Santa Skolastika, Birgu, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, mezz, valur, lok u hin bi ksur tal-Artikoli 261(a)(b)(c)(e)(f), 262(1), 263(a), 267, 269(g) tal-Kodici Kriminali Kap 9;

2. Talli f’dawn il-gzejjer f’Malta jew barra minn Malta xjentement fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi u fi zmien ta’ wara laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. kontra Joseph Azzopardi li huwa recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u Qorti Kriminali Superjuri datati 17.7.90, 19.11.90, 5.12.90, 5.12.90, 25.2.91, 7.5.92, 28.9.92, 22.12.92, 5.4.93, 25.2.93, 25.2.94, 31.5.1994, 31.5.1994 bi ksur ta’ l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

4. kontra Glenn Gatt talli huwa recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 14.7.94 u 20.7.95 bi ksur ta’ l-Artikolu 49 tal-Kodici Kriminali Kap 9.

Rat l-artikoli tal-Avukat Generali (folio 259) li bihom baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija tal-imputati skond l-artikoli tal-ligi minnu hemm citati, f’nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati, pero mhux qabel li tisma’ kull prova ohra li ggib il-pulizija;

Rat li l-prosekuzzjoni ma kelliex provi ohra x’tipproduci;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-att tar-rinviju tal-Avukat Generali l-imputati huma akkuzati b’serq aggravat bil-vjolenza, mezz, valur u hin, b’ricettazzjoni u recidivita.

L-akkuzi ghandhom l-origini minn serqa perpetrata kontra mara anzjana ta’ 67 sena mill-fond ta’ residenza taghha, numru 1, Triq Santa Skolastika, Birgu, fit-22 ta’ Novembru 1997, fejn insterqula ammont fi flus kontanti ta’ Lm600 u ammont ta’ gojelli, li skond stima tal-espert nominat, jiswew aktar minn Lm100 izda mhux Lm1000 (vide relazzjon folio 76 et seq).

Id-derubata xehdet (folio 69 et seq) li fil-hin tas-serqa kienet id-dar tieqda meta stenbhet u giet rinfaccjata minn zewg persuni fil-kamra tas-sodda taghha fejn kienet. Ma kinitx f’posizzjoni tidentifika l-ebda wiehed miz-zewg malviventi billi kellhom wicchom moghtti. Identifikat pero d-deheb li nsterqilha u kkonfermat l-ammont ta’ flus li kien ukoll ittiehdilha.

Issa l-provi huma dawk li huma filwaqt li hu pcifiku li kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova l-involviment tal-akkuzati odjerni fis-serqa jew alternattivament fir-ricettazzjoni mertu dawn il-proceduri.

Mill-atti processwali, li l-qorti ezaminat b’attenzjoni, m’hemm ebda prova diretta li kienu proprju l-imputati li wettqu s-serqa. Apparti li ma setghux jigu identifikati mid-derubata kull wiehed mill-akkuzati innega l-involviment tieghu fis-serqa de qua. Dan pero ma jfissirx necessarjament illi r-reita fl-imputati jew xi hadd minnhom ma tinstabx minn provi ohra indiretti ossia cirkostanzjali.

Ikkonsidrat:

Illi l-prova dwar ir-ricettazzjoni l-prosekuzzjoni qeghda tibbazha fuq ix-xhieda ta’ certu Mario Caruana u referenza qeghdha hawn issir ghall-istqarrija minnu rilaxxjata (folio 89). Il-kwezit li jqum minn din l-istqarrija huwa jekk tikkostitwixxi prova ‘il fuq minn kull dubbju dettat mir-raguni’ fil-konfront taz-zewg imputati jew biss fil-konfront

ta' wiehed minnhom. Fil-fatt din il-qorti m'ghandhix dubbju dwar li l-istqarrija tiddentifika posittivament lill-imputat Joseph Azzopardi, maghruf bhala iz-Zigizog, fost iz-zewg persuni li staqsew lix-xhud biex isellifhom xi flus fuq id-deheb li minghajr dubbju u dak misruq u meritu dina l-kawza. Id-dubbju jippersisti fil-konfront tal-imputat Glenn Gatt. Il-qorti certament ma tistax issib kolpevolezza f'dan l-ahhar imsemmi imputat mill-identifikazzjoni li x-xhud jaghti fl-istqarrija ta' dan l-akkuzat u dan kemm ghaliex fl-hekk imsejha 'ID parade' ma jidhirx li gew osservati dawk il-kriterji jew salvagwardji jew ukoll li gew adottati u mehuda dawk il-prekawzjonijiet li jirrenduha 'prova probanti', u kemm ghaliex u f'kull kaz l-gharfien ta' dan l-imputat mill-imsemmi xhud tirrizulta difettuza Difatti fil-parti rilevanti tal-istqarrija x-xhud jghid in propositu: "jien nahseb li hu ghax rajtlu xaghru qisa qasira" li din il-qorti ma tikkonsidrahiex bhala li tammonta ghall-identifikazzjoni inekwivoka li invece tirrisulta fil-konfront tal-imputat l-iehor u dan filwaqtl ix-xhud jistqarr li "kienu fil-karozza u iz-Zigizog qabad id-deheb tah lill-iehor u qalli biex nirhanu u cioe' qalli islifni Lm100 sa filghodu".

Illi d-difiza fit-trattazzjoni orali sostniet li xhieda ta' xhud wahdani ma tikkostitwix prova stante il-figura ta' komplici ta' dan ix-xhud li minhabba f'hekk tirrikjedi li tkun korroborata b'xhieda indipendenti. Li legalment dan huwa hekk f'kaz ta' xhieda ta' komplici hu indubitat kif jemmergi mill-Artikolu 639(3) Kap 9. Il-kwistjoni li trid pero risposta hawnhekk hi dwar jekk dan ix-xhud huwiex komplici skond il-ligi. Bhala fatt jirrizulta li d-deheb meritu dawn il-proceduri effettivament instab fil-pussess ta' dan ix-xhud u m'hemmx dubbju li d-deheb kien dak li gie misruq.

Issa, li x-xhud jista' ikun konsidrat bhala ricettatur, igifieri li kien jaf bil-provenjenza delittwuza ta' l-oggetti (li mhux necessarjament ikunu provenjenti minn serq) minhabba li jkun laqa' dawn l-oggetti, jew anka xtrohm, jew ukoll billi jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom, hu mhux biss possibbli, izda anke sostenibbli legalment. Fil-kaz in meritu izda dan ma jirrisultax pruvat minn imkien. Fit-tieni lok il-figura ta' komplici hi definita fl-Artikolu 42 Kap 9 u fil-kaz disamina l-ebda subincis ma jista'jinghad li jpoggi lix-

xhud Cremona f'din l-ottika. M'hemm ebda prova, mank l-icken, li tippresupponi li x-xhud agixxa biex ta xi ordni, jew gieghel, jew ta l-armi, jew xewwex, jew adirittura xjentement ghamel jew assista lill-awturi tas-serq fil-preparazzjonijiet jew il-konsumazzjoni tas-serqa. Fit-tielet lok u f'kull kaz gie ritenut li "ghalkemm ir-ricettazzjoni hija strettament konnessa mad-delitt tas-serq eppure hija delitt ghalih (a se stante) u mhux delitt ta' komplicita' f'serq [ancorche'] ir-ricettazzjoni tkun semplici, cioe ma jkunx sar akkordju qabel is-serq li ghalihom jigu ricettati l-oggetti misruqa, ghaliex meta jkun hemm dana l-akkordju allura jista' ikun hemm il-komplicita' f'istigazzjoni" – *Appell Pulizija vs Filippa Fenech deciz 8 ta' Mejju 1937 per Imhallef Harding; ukoll Police vs Joseph Bugelli et deciz 24 ta' Jannar 1942.*

Inghad dan jonoqs li l-qorti tezamina jekk l-imputat Joseph Azzopardi ghandux jigi misjub hati ta' serq jew ricettazzjoni. Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz din il-qorti hi propensa li ssib reita fis-serq u tiskarta r-ricettazzjoni. Qeghdha tibbaza dan fuq il-fatt li l-imputat fl'ebda stadju ma jidher li ta spjegazzjoni plawsibbli ta' kif l-oggetti gew fil-pussess tieghu. Anzi ghall-kuntrarju ma offra ebda spjegazzjoni ghajr li cahad l-informazzjoni li fuqa agixxew l-pulizija. Il-qorti qeghdha hawnhekk taghmilha cara li qieset il-verzjoni tal-fatt li xehed dwarhom ix-xhud Cremona bhala veritieri u korrispondenti ghall-verita. Li ma jirrizultax kontra dan l-imputat hija r-recidiva u dan ghar-raguni biss li din il-parti ta' l-akkuza ma gietx pruvata skond il-ligi. Issibu pero hati ta' l-ewwel akkuza.

Ghaldaqstant tiddecidi u taqta' billi:

Fil-konfront ta' l-imputat Glenn Gatt ma ssibux hati ta' l-ebda akkuza u tilliberah minn kull htija u piena.

Issib l-imputat Joseph Azzopardi hati tal-ewwel akkuza izda mhux tal-akkuzi l-ohra. Rat l-Artikolu 261(a)(b)(c)(f), 262(1), 263(a), 267, 269(g), 277(b), 276, 276(A), 279(a), 280(2) u 31 tal-Kap 9. Tikkundannah perjodu ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar wara li ikkunsidrat l-fedina

penali u kkunsidrat li l-imputat qieghed fil-present jiskonta perjodu twil ta' habs.

--------------------------------TMIEM--------------------------------